# IS-SUR NIN CREMONA

## 1) DEJJEM ŻAGĦŻUGĦ

FIL-ĦIDMA . FIL-ĦSIEB
DEJJEM . SEJJER
FIBRA . TA' . L-AZZAR
IŻ-ŻMIEN . GĦADDEJ
U . DEJJEM . XORTA
ĠUVNI . LI . MA . JIXJIEĦX
QALB . ŻAGĦŻUGĦA
GĦEX . TASSEW . ĦADEM . ĦAFNA
MIMLI . BIS-SAĦĦA
IN-NAR . DONNU . JTAJJAR
DEJJEM . MIEXI
DEJJEM . FIL-BOGĦOD . IĦARES
GĦAJNEJH . JIBBRU
FIL-LEĦĦA . TAL-ĦSIEB

---

## 2) STUDJUŻ

IL-FOLKLORE . L-ISTORJA
IL-POEŻIJA
IL-LETTERATURA . MALTIJA
KOLLOX . STUDJA
KOLLOX . TGĦALLEM
ĦAFNA . KITEB
FERHAN . U . LEĠĠ . DEJJEM
QATT . MA . BEŻA' MIX-XOGĦOL
IMSAĦĦAR . GĦAD-DOKUMENTI
DEJJEM . BIL-KOTBA . QUDDIEMU
DEJJEM . BIL-PINNA . F'IDU
ĦAJTU . GĦADDA
UTIEQA . FEJJIEDA
IL-GĦERF . IXERRED



## 3) ĦABIB IL-MALTI

B'ID . TA' . IMGĦALLEM
X'HIN . RA . N-NISĠA SABIHA
TA' . L-ILSIEN . MALTI
SILET . L-ORTOGRAFIJA
IL-GĦERQ . TAL-KELMA
IL-GRAMMATKA
IS-SINTASSI . TAL-KITBA
GĦALLEM . KIF . TINSEĠ . IL-ĦSIEB
WERA . L-GĦASEL . MOHBI
IR-ROQMA . TAL-KELMA . MALTIJA
PILASTRU . U . PEDAMENT
TAL-MALTI
DEHER . FIL-KITBA . FIL-KOTBA
XEMX . QAWWIJA

IV - V - MCMLX

KAN. P. CAUCHI
Għawdex.

---

# LIL NINU CREMONA

*Ta'* ALFRED M. PREVI, O.P.

X'ħin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija
U l-lejl qed joqrob biex bi star sewdien
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhix ser taqa'
Il-ħajja li int stess kont bnejt b'għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Saħħaħlek u ħerrielek ħajtek kbira,
Għax inti bnejt ismha, biex Maltija

Tkun Malta b'ilsien Malti, mhux ilsira
Ta' ilsna barranin. Min bħalek Nin
Jgħix biss għal Malta, ħajtu qatt ma tnin.

Rabat, 3. 5. 60.